MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 450/2008

Joseph Bonello, Peter Bonello u Brian Bonello
vs
1. Ir-Registratur tal-Qorti; u ghal kull interess li jista' jkollhom;
2. Sergio Manara f'ismu personali kif ukoll in rapprezentanza tal-assenti Alex Manara, Thelma Maria Barton, Raymond Manara u Alexander Manara; Fiorella Grima; Marco Manara; John Cilia La Corte, Diana Gatt u David Tonna;
3. AIC Godwin Abela;
4. AIC Valerio Schembri;
5. AIC Mario Cassar;
6. AIC Alan Saliba

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi in segwitu` ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla fil-5 ta' Novembru, 2007 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "**Sergio Manara *pro et noe* vs Joseph Bonello *et***" (Citazzjoni Nru. 62/2002JA), liema decizjoni hija *res judicata* peress li tali decizjoni ma gietx appellata, l-intimat Registratur tal-Qorti hareg, fuq talba ta' l-atturi Sergio Manara *pro et noe et*, it-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji (Dokument A) rigwardanti l-istess kawza.

2. Illi tali taxxa tinkludi d-drittijiet u spejjez likwidati lill-espert tekniku AIC Godwin Abela nominat mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim'Awla ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D. fis-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmi Ewro (EUR1658.51) (ekwivalenti ghal Lm712).

3. Illi l-imsemmi espert tekniku AIC Godwin Abela b'digriet tat-30 ta' Gunju 2004 gie nominat sabiex huwa "jaghmel stima tal-valur lokatizju fuq it-territorju in kwistjoni".

4. Illi l-mertu tal-kawza kienu seba' jew tmint itmien mit-territorju in kwistjoni li hemm okkupati mir-rikorrenti odjerni.

5. Illi r-rikorrenti jixtiequ jattakkaw it-taxxa tad-drittijiet ta' l-espert tekniku kif mahduma a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta bhala irregolari u konsegwentement inattendibbli, billi fil-fehma umli tar-rikorrenti l-metodu ta' intaxxar uzat kien erronju u irregolari u r-rikorrenti ma jaqblux mal-likwidazzjoni tad-drittijiet dovuti lill-espert tekniku AIC Godwin Abela fl-ammont ta' EUR1,658,51.

6. Illi kif diga` spjegat fl-appell ipprezentat fil-mori tal-kawza fil-Prim'Istanza a tenur ta' l-artikolu 667 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-espert tekniku, in dizimpenju ta' l-inkarigu tieghu, zamm seduta wahda u access u hadem il-valur lokatizju tat-territorju intier konsistenti f'64

tomna fis-somma ta’ EUR50,314 [ekwivalenti ghal Lm21,600].

7. Illi biex wasal ghall-istima tal-valur lokatizju, wahda mill-elementi li dehrlu fid-diskrezzjoni tieghu li ghandu juza l-espert tekniku, kien l-istima tal-valur reali tat-territorju kollu fis-somma, skond l-istess espert tekniku, ta’ EUR419,287 [ekwivalenti ghal Lm180,000].

8. Illi l-intimat espert tekniku AIC Godwin Abela ma kellu ebda inkarigu mill-Qorti sabiex jistma l-valur reali tat-territorju intier izda biss biex jistma l-valur lokatizju ta’ dan it-territorju *per tumolo*.

9. Illi minkejja dan il-hlas dovut lill-espert tekniku jidher illi gie intaxxat a bazi ta’ kont rilaxxjat mill-istess espert tekniku fejn fl-imsemmi kont id-dritt ghall-valutazzjoni gie stmat fis-somma ta’ EUR1,266.71 [ekwivalenti ghal Lm543.80], liema ammont hu ibbazat fuq l-istima tal-valur tat-territorju kollu (fis-somma ta’ Lm180,000) liema stima fil-verita` qatt ma kienet mitluba!

10. Illi d-drittijiet dovuti lill-espert tekniku fil-kaz odjern huma regolati minn Tariffa K annessa mal-Kap. 12 komma 6 - Stimi, izda jirrizulta li l-espert tekniku, u konsegwentement l-amministrazzjoni tal-qorti, intaxxat id-drittijiet tal-perit a bazi ta’ l-istima tal-valur tal-art u cioe` a bazi tas-somma ta’ Lm180,000 mentri fir-realta` din kellha tigi intaxxata a bazi tal-valur lokatizju ghaliex kien ghall-istima tal-valur lokatizju tat-territorju u mhux ghall-valur tat-territorju li l-espert tekniku gie nominat u dan kif jirrizulta min-nomina degretata mill-Qorti tal-Prim’Istanza fit-30 ta’ Gunju, 2004.

11. Illi d-dritt ghall-istima ibbazat fuq il-valur lokatizju ta’ Lm21,600 (u mhux il-valur tat-territorju ta’ Lm180,000) skond l-imsemmija Tariffa K komma 6 huwa ta’ EUR167.01 [ekwivalenti ghal Lm71.70] (Lm9.90 ghall-ewwel Lm1,000 u Lm61.80 rapprezentanti 30c ghal kull Lm100) u ghalhekk id-dritt intier ghandu jinhadem fuq din il-bazi u kwindi d-dritt realment dovut lill-intimat perit

tekniku AIC Godwin Abela jammonta ghal EUR167.02 (ekwivalenti ghal Lm71.70c).

12. Illi dawn l-argumenti diga` gew sottomessi fl-appell maghmul mir-rikorrenti odjerni a tenur ta’ l-artikolu 667 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema appell kien gie akkolt minn din il-Qorti b’digriet tas-17 ta’ Frar, 2005.

13. Illi, minkejja dan, it-taxxa moghtija mill-intimat Registratur tal-Qorti regghet inharget hazin minkejja l-ordni car ta’ din il-Qorti fid-digriet tas-17 ta' Frar, 2005 (a fol. 228 tal-process) sabiex l-intimat Registratur tal-Qorti jintaxxa d-dritt mill-gdid.

14. Illi sussegwentement ir-rikorrenti odjerni kienu talbu n-nomina ta’ periti addizjonali, u b’digriet tal-25 ta’ Mejju, 2005 (a fol 238 tal-process) kienu gew nominati bhala periti addizjonali l-intimati AIC Valerio Schembri, AIC Mario Cassar u AIC Alan Saliba.

15. Illi l-intimati periti addizjonali irredigew u halfu r-rapport taghhom u d-drittijiet taghhom gew intaxxatti a bazi tad-dritt intaxxat lill-intimat espert tekniku AIC Godwin Abela, u cioe` fis-somma kumplessiva ta’ Lm2,678.48 (a fol 241 tal-process) u cioe` fis-somma ta’ Lm902.58 ghall-intimat AIC Valerio Schembri, Lm886.77 ghall-intimat AIC Alan Saliba u Lm889.13 ghall-intimat AIC Mario Cassar.

16. Illi sussegwentement ir-rikorrenti odjerni kienu ipprezentaw rikors ghall-intaxxar mill-gdid tal-periti addizjonali (a fol 244 u 245 tal-process), liema rikors kien gie milqugh b’digriet tal-10 ta’, Mejju, 2006 (*vide a fol* 245).

17. Illi minkejja dan, fit-taxxa minnu rilaxxata fit-8 ta’ Mejju, 2008 (*vide para* 1 ta’ dan ir-rikors), l-intimat Registratur tal-Qorti naqas milli jaghmel dan u t-taxxa regghet harget id-drittijiet tal-periti addizzjonali kif kienu gew intaxxati originarjament minghajr ma gew intaxxati mill-gdid kif kienet ordnat din il-Qorti.

18. Illi d-drittijiet ta' l-intimati periti addizzjonali, l-istess bhal dawk tal-intimat perit tekniku AIC Godwin Abela, kellha tinhadem a bazi tal-valur lokatizju tat-territorju in kwistjoni u mhux tal-valur reali ta' l-istess territorju, u dan kollu kif diga` fuq espost.

Ghal dawn il-motivi r-rikorrenti ipprezentaw dan ir-rikors *ai termini* ta' l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz tieghu talbu lil dan il-Qorti jogghobha thassar u tirrevoka t-taxxa mahruga mill-intimat Registratur tal-Qorti fit-8 ta' Marzu, 2008 (Dok A mehmuz mar-rikors) u dan fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji ta' l-intimati espert tekniku AIC Godwin Abela u l-intimati periti addizzjonali AIC Valerio Schembri, AIC Mario Cassar u AIC Alan Saliba, relattivi ghall-kawza fl-ismijiet "**Sergio Manara *pro et noe et* -vs- Joseph Bonello *et***" (Citazzjoni Numru 62/02JA deciza fil-5 ta' Novembru , 2007 u reza *res judicata* u taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha mehtiega u necessarji inkluz l-intaxxar mill-gdid tad-drittijiet ta' l-intimati perit tekniku AIC Godwin Abela u periti addizzjonali AIC Valerio Schembri, Mario Cassar u Alan Saliba u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Registratur tal-Qorti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Periti Arkitetti, Godwin Abela, Valerio Schembri, Mario Cassar u Alan Saliba li biha esponew:

1. Illi, preliminarjament, huma jeccepixxu r-*res judicata* stante li din il-Qorti diga` iddecidiet dwar it-talba ghall-intaxxar mill-gdid tad-drittijiet ta' l-intimati l-AIC Godwin Abela u l-Periti Addizzjonali AIC Valerio Schembri, AIC Mario Cassar u AIC Alan Saliba bid-Digrieti taghha tas-17 ta' Frar 2005 u tal-10 ta' Mejju 2006 fl-atti tal-kawza "**Sergio Manara *pro et noe* vs Joseph Bonello *et***" - Citazzjoni numru 62/2002JA - deciza finalment fil-5 ta' Novembru 2007, mil-liema kawza u digrieti ma sarux appelli;

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita u inammissibbli stante li, wara li giet deciza l-kawza –

Citazzjoni Numru 62/2002JA - fil-5 ta' Novembru 2007, ir-Registratur ma intaxxa ebda drittijiet tal-Periti intimati u intaxxa *invece* biss id-drittijiet tar-Registru, Avukat u Prokuratur Legali, kif effettivament isir, u l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa intiz biex jaghti rimedju ghal dik it-taxxa li saret ghad-drittijiet ta' l-Avukati, Prokuraturi Legali u Registru li palezement mhux ir-rimedju li qed jintalab f'dan il-kaz;

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-azzjoni attrici in kwantu titlob ir-ritassa tad-drittijiet tal-Periti *ai termini* ta' l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet hija guridikament irrita u inammissibbili stante li r-rimedju biex jigi attakkat tassazzjoni ta' drittijiet ta' Periti Teknici huwa unikament dak provdut bl-Artikolu 667 tal-Kap 12 tal-Ligijiet, liema rimedju diga utilizzawh l-istess rikorrenti;

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk id-Digrieti moghtija minn din il-Qorti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija u cioe` dawk tas-17 ta' Frar 2005 u dak ta' l-10 ta' Mejju 2006 fuq rikorsi tar-rikorrenti *ai termini* ta' l-Artikolu 667 ma gewx segwiti mir-Registratur, ir-rikorrenti kellhom l-azzjonijiet legali *ad hoc* x'jutilizzaw imma certament mhux talba ghar-ritassa *ai termini* ta' l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet;

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-unika provvediment li nghata bid-Digrieti tas-17 ta' Frar 2005 u ta' l-10 ta' Mejju 2006 huwa li r-Registratur tal-Qrati gie ordnat "biex jintaxxa mill-gdid id-drittijiet tal-istess Periti". Imkien ma huwa msemmi f'dawk id-Digrieti li r-Registratur kien ordnat li jintaxxa d-drittijiet tal-Periti unikament skond il-valur lokatizzju kif jippretendu r-rikorrenti. L-unika ordni li nghatat infatti fl-imsemmija Digrieti huwa li r-Registratur "jerga' jintaxxa" u dan *in vacuo* u minghajr ebda direzzjoni dwar kif ghandu jintaxxa mill-gdid tali drittijiet ir-Registratur;

6. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ta' min isemmi li r-rikorrenti kellhom zmien *piu` che* sufficjenti sabiex jirregolaw ruhhom wara d-

Digrieti tas-17 ta' Frar 2005 u ta' l-10 ta' Mejju 2006 dwar l-istess Digrieti, u jekk tali Digrieti ma kienux cari, setghu facilment jappellaw mill-istess Digrieti wara s-sentenza finali tal-5 ta' Novembru 2007. Ir-rikorrenti ghazlu li jistriehu fuq id-Digrieti moghtija *in vacuo* u minghajr ebda direzzjoni specifika lir-Registratur u ghalhekk ukoll hija insostenibbli l-pretensjoni tar-rikonenti li r-Registratur inghata xi direzzjoni jew ordni mill-Qorti li jintaxxa d-drittijiet taghhom a bazi tal-valur lokatizzju tat-territorju. Dan assolutament ma jirrizulta bl-ebda mod mid-Digrieti vantati mill-istess rikorrenti u cioe` dawk tas-17 ta' Frar 2005 u ta' l-10 ta' Mejju 2006;

7. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-intimati issottomettew u eccepew li t-tassazzjoni fuq id-drittijiet taghhom saret korrettement u li ma kien hemm l-ebda lok ta' ritassa kif ordnat minn din il-Qorti bid-Digrieti taghha tas-17 ta' Frar 2005 u ta' l-10 ta' Mejju 2006 u dan peress illi biex jigi stabbilit valur lokatizzju bil-fors ikun mehtieg illi preventivament jigi stmat il-valur ta' l-immobbli liema stima tigi intaxxata skond l-artikolu 6 tat-Tariffa K tal-Kap 12 tal-Ligijiet;

8. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-intimati iddikjaraw li qed jaghmlu l-premessi eccezzjonijiet b'rizerva ghad-dritt taghhom illi jirrikorru ghar-rimedju kostituzzjonali stante li kif jirrizulta mill-atti tac-citazzjoni fuq imsemmija, - Citazzjoni numru 62/2002JA - id-Digrieti tas-17 ta' Frar 2005 u ta' l-10 ta' Mejju 2006 fejn gie ordnat li r-Registratur ghandu jintaxxa mill-gdid id-drittijiet ta' l-intimati, gew profferiti mill-Qorti minghajr ma l-intimati nghataw l-opportunita` li jittrattaw dwar it-talba maghmula *ai termini* ta' l-Artikolu 667 tar-rikorrenti u l-intimati issottomettew li din hija vjolazzjoni tad-dritt *audi alteram partem* kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; Infatti l-intimati, qabel ma rcevew ir-rikors odjern ma kienu bl-ebda mod konsapevoli mill-fatt li effettivament kien sar rikors *ai termini* ta' l-Artikolu 667 tal-Kap 12 tal-Ligijiet u li l-Qorti ipprovdiet dwar tali Rikors u ghalhekk issottomettew li huma gew imcahhda mid-

drittijiet Kostituzzjonali taghhom u di konsegwenza irriservaw li jintavolaw l-opportuni proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

L-intimat Registratur tal-Qorti ma ipprezenta ebda risposta.

L-intimati ta' Sergio Manara *et* ipprezentaw nota li permezz taghha taw ruhhom b'notifikati bir-rikors guramentat ta' Joseph Bonello *et* u fl-istess hin iddikjarw li qed jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti b'dan li m'ghandhomx ibatu l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

Xehdet Marisa Bugeja, Deputata Registratur, li semmiet li dak iz-zmien kienet Deputata Registratur ta' l-Imhallef Azzopardi u t-taxxa in kwistjoni hadmitha hi wara konsultazzjoni mas-Sur Portelli, wiehed mill-*administation* tal-Qorti. Hallietlu l-process u r-rapport bil-*break down* ta' l-ispejjez u wara xi jumejn kien qallha li kollox sew u li tista' tohrog il-kont. Qalet li s-Sur Portelli kien hass li l-*break down* tal-Perit kienet tajba u harget il-kont bhas-soltu u gew notifikati l-partijiet kollha inkluz il-Perit. Kellha l-impressjoni li t-taxxa tal-Periti Perizjuri kienet hadmitha hi wkoll u hi dejjem kienet tistaqsi lill-*administration* dwar dan l-intaxxar. Qalet li meta jkun hemm periti perizjuri kull perit jiehu daqs il-Perit originali u jkun hemm xi haga zghira iktar ghal min ikun irrediga r-relazzjoni.

Xehed is-Sur Albert Portelli fejn semma li ilu aktar minn 4 snin barra mix-xoghol u huwa difficli li jiftakar xi taxxa partikolari li kien ghamel. Qal li t-taxxa a fol 5 tal-process harigha r-registru u mhux hu ghax hu jkun intaxxa l-perizja li tkun iffirmata minnu. Mill-process allegat u r-relazzjoni in kwistjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni li kien ghamilha

hu. Zied jghid li peress li hu kien wiehed mill-ufficjal anzjani fil-Qorti, hafna kienu jkunu l-impjegati tal-Qorti li kienu jmorru ghandu ghal xi parir. F’dan il-kaz ma eskludiex jew ikkonferma li seta’ ta xi parir jew le.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. L-Eccezzjoni tal-res judicata:***

L-ewwel eccezzjoni tal-Periti intimati hija r-*res judicata*. Izda huwa risaput li ghall-applikazzjoni tar-*res judicata* jridu jikkonkorru l-elementi kollha.

Illi t-tifsira ta’ *res judicata* giet ben definita mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kummercjali deciz fil-5 ta’ Ottubru 1992 fl-ismijiet **Dr. Jose Herrera *noe* vs Anthony Cassar *et noe***, fejn l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irriteniet illi:
“Sentenza li ghaddiet ‘*in giudicato*’ jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – *res judicata pro veritate habetur* – jigifieri l-fundament ta’ l-‘*actio*’ u tal l-‘*exceptio judicati*’ hija preskrizzjoni legali”.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina *et*** (Citazz. Nru. 766/00JRM) deciza fil-25 ta’ Settembru 2003 fejn il-Qorti ezaminat l-elementi li jikkostitwixxu gudikat u ikkonkludiet illi:
‘Dawn l-elementi huma l-istess oggett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*)… kif inghad f’ghadd ta’ decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza, li tbieghed il-possibilita` ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta’ kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat.”

Inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Anthony u Jane konjugi Borg vs Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby** deciza fit-28 ta’ Marzu 2004 din il-Qorti diversament presjeduta elaborat il-principju li:
“ghalkemm biex jista’ jigi invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita’ ta’ l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun

assoluta basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni[1]. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat[2]."

Issa fil-kaz in ezami l-periti qed isostnu l-eccezzjoni tar-*res judicata* minhabba li fil-fehma taghhom bid-digrieti tas-17 ta' Frar 2005 u ta' l-10 ta' Mejju 2006 fil-kawza **Sergio Manara *pro et noe* vs Joseph Bonello** dawn gew finalment decizi u anqas sar appell minnhom. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni minhabba li dak li qed jintalab f'dan l-istadju huwa propju t-thassir u r-revoka tat-taxxa mahruga mill-intimat Registratur tal-Qorti fit-8 ta' Marzu 2008, u cioe` taxxa in segwitu ta' dawk id-digrieti u li ghalhekk certament qatt ma jista' jwassal ghal *res judicata*.

***<u>D2. L-artikolu 64 tal-Kap 12:</u>***

Izda rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"(1) L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika."

Dan jitkellem dwar l-ispejjez gudizzjarji li jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur. Izda hu ferm importanti li wiehed jezamina li tali spejjez gudizzjarji li jigu intaxxati u likwidati ma jirreferux ghad-drittijiet tal-periti waqt il-kawza. Infatti fil-kaz in ezami r-Registratur ma ntaxxa ebda dritt tal-

[1] **Antonio Abela vs Giuseppe Fenech**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1946.

[2] **PL Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Marzu 1946.

periti, izda dawk applikabbli ghall-avukat u prokuratur legali, dritt tar-registru u spejjez ohra. L-artikolu 64 huwa intiz biex jaghti rimedju ghal dik it-taxxa u mhux ghall-appell mid-dritt tal-periti fil-kors tal-kawza. Talba ta' ritassa ghad-drittijiet ta' periti hija bazata fuq l-artikolu 667 tal-Kap 12 u mhux fuq l-artikolu 64. Ir-rimedju li kellu jintalab kien propju dak taht l-artikolu 667, li fil-fatt sar, izda l-Qorti ma kenitx iffissat is-somma tat-taxxa u ghalhekk f'dak il-kaz ir-rimedju kien l-appell minn dik id-decizjoni u mhux il-proceduri odjerni.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Speranza Gatt *et* vs Dr. Albert Libreri *et***, (Rikors Numru 512/09JRM) deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:
"... Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>aspetti ta' dritt marbutin mal-każ</u>, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv[3]. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;

Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;

[3] Art. 253 (ċ) tal-Kap 12

Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu[4]. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur[5]. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni[6]. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid; ..."

Drittijiet intaxxati lill-periti gudizzjarji jigu intaxxati qabel is-sentenza finali, ossija fil-prosegwiment tal-kawza, u l-ligi tipprovdi permezz tal-Kap 12 art 667 (1) dwar kif jistghu jigu attakkati dawn it-tassazzjonijiet tal-periti gudizzjarji. Infatti dan l-artikolu jghid:
"(1) Mit-taxxa maghmula bhal ma jinghad fl-ahhar artikolu qabel dan, kull wiehed mill-periti u kull wahda mill-partijiet fil-kawza, jistghu jappellaw lill-qorti li minnha l-periti gew mahtura, ikun kemm ikun id-dritt li gie intaxxat jew mitlub, fi zmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 jew, fil-kaz li l-periti jkunu gew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawza jkunu gew imgharrfin bit-taxxa b'ittra minghand ir-registratur."

Dan huwa ferm differenti mir-rimedju moghti taht l-artikolu 64 tal-Kap 12 ghax l-artikolu 64 jirrelata ghad-drittijiet in generali ta' l-Avukati, Prokuraturi Legali u Registru. L-artikolu 667 huwa dak li specifikament jirrigwards l-intaxxar ta' drittijiet ta' periti gudizzjarji u certament dan hu l-applikabbli minhabba l-principju *ius specialis deroga*

---

[4] App. Ċiv. **4.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Aġent Reġistratur tal-Qrati et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.34**)
[5] P.A. **23.2.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Salomone*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.536**)
[6] App. Ċiv. **29.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Aldo Laferla et vs Francis Scicluna et*** (mhix pubblikata)

*generalis*. L-artikolu 64 jaghti xahar biss zmien kif imsemmi. Dan jaghmilha cara li hemm interpretazzjonijiet totalment differenti taz-zewg artikoli.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni ta' l-intimati Periti Abela, Cassar, Schembri u Saliba.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------